# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 27/2024: ALBERT BORG (KI. 20065M) EŻERĊENTI L-KUMMERĊ BĦALA PHILIP BORG GENERAL MERCHANTS V. AMMAR EL-SADI (KI. 395901L)

(AMMONT DOVUT – AMMISSJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**11 ta' Marzu 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Albert Borg eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Philip Borg General Merchants ("ir -rikorrent") ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2024[1] li permezz tiegħu talab lil Ammar El-Sadi ( "l-intimat") sabiex jidher quddiem il-Qorti fid-data tal-appuntament għas-smiegħ biex iwieġeb għat-talba tiegħu ossia' dik li jiġi kkundannat li:

> **"Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut xtara mingħand l-attur merkanzija konsistenti fi prodotti ta' l-ikel, u li l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fl-ammont ta' tnax-il elf, mitejn u għaxar euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€12,210.57) (ara fatturi Dok.AB2 et seq), bilanċ rappreżentanti somma ikbar;**
>
> **Tiġi ikkundannat tħallas lill-attur is-somma ta' tnax-il elf, mitejn u għaxar euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€12,210.57) bl-imgħaxijiet legali dovuti b'effett minn sittin jum wara d-dati tar-rispettivi fatturi Dok.AB2 et seq;**
>
> **Bl-ispejjeż, inklużi ta' l-ittra uffiċjali 637/22 (Dok.AB1) u tal-mandat ta' sekwestru intavolat fl-istess ismijiet, kontra l-konvenut, minn issa inġunt in subizzjoni."**

wara li rat li fis-7 ta' Frar 2024 l-intimat ippreżenta nota maħlufa fir-Reġistru ta' din il-Qorti li permezz tagħha ammetta t-talbiet tar-rikorrent[2],

---

[1] Fol 1-62
[2] Fol 64

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Kif ingħad, fis-7 ta' Frar 2024 l-intimat ippreżenta nota maħlufa fir-Reġistru ta' din il-Qorti li permezz tagħha ammetta t-talbiet tar-rikorrent.

2. Din l-ammissjoni la kienet kwalifikata u lanqas ġiet magħmula b'xi kundizzjonijiet u għalhekk anke fuq l-iskorta tal-massima *confessio facta in judicio omni probatione major est* it-talbiet tar-rikorrent jirriżultaw ġustifikati u jimmeritaw konferma.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u:**

1. **Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrent fis-somma ta' tnax-il elf, mitejn u għaxar euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€12,210.57) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' prodotti ta' ikel mixtrija mingħand l-istess rikorrent.**

2. **Tikkundanna lill-intimat iħallas dan l-ammont lir-rikorrent bl-imgħaxijiet legali kif mitluba.**

**L-ispejjeż kif mitluba għandhom jitħallsu ukoll mill-intimat.**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**